# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI NRU 2237

**Kaz Numru 3130/CC** **Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Lucia Baranda Serna (ID: 67062A)**

**u**

**Glimmer Limited (C-43108)**
**Tumas Gaming Limited (C-22700)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta**

**<u>Chairperson : Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)</u>**

**Nhar l-Erbgha 24 ta' Lulju, 2013**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Lucia Baranda Serna fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-29 ta' Mejju, 2013, fejn sostniet li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha kienet wahda abbuziva u ngusta 'ai termini' tal-Kapitolu 452. Min-naha ta' Tumas Ltd., sostniet illi hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mall-Appellanti ghaliex din qatt ma kienet impjegata maghha. Min-naha ta' Glimmer Ltd., sostniet li kellha kull dritt tittermina l-impjieg ta' l-Appellanti li kien 'a bazi' ta' kuntratt definit, diment li tottempra ruhha ma' Artiklu 36 (11) tal-Kap.452.

Fuq talba tas-Socjetajiet ntimati, t-Tribunal intalab jittratta zewg eccezzjonijiet preliminari mqajjma u cjoe :

1. Li Tumas Gaming Ltd. tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, peress li hija qatt ma kienet timpjega lill-Appellanti.

2. Li  galadarba Glimmer Ltd meta waqqfet il-kuntratt ta’ xoghol definit tal-Appellanti, ottemprat ruhha mal-Ligi, m’hemmx lok li din il-kawza tkompli.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati mill-partijiet, d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha ‘in konsiderazzjoni’ l-argumenti kif ipprezentati fis-sottomissjonijiet tal-avukati difensuri.

- **Rapprezentanza**

Lucia Baranda Serna  li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kienet assistita mill-Avv. Leonard Caruana.

Tumas Gaming Ltd., kienet irraprezentata minn Patrick Demanuele, assistit mill-Avukat Karl Briffa, filwaqt li Glimmer Ltd. kienet irrapprezentata minn Anthony Farrugia u assistit mill-Avv. James D’Agostino.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet impjegata ma’ Glimmer Ltd., bhala *Business Development Manager* fuq kuntratt definit ta’ sena li beda jghodd mill-25 ta’ Gunju, 2012.

Nhar il-15 ta’ Frar, 2013, id-Direttur Anthony Farrugia kellu laqgha mal-Appellanti fejn infurmaha li ma kienux ser iggeddulha l-kuntratt u tawha ghazla bejn li tkompli tahdem id-durata kollha tal-kuntratt jew li jitterminawla l-kuntratt dak il-hin u jhallsulha l-penali skond il-ligi.

Filwaqt li l-Appellanti fakkrithom li hija kienet tqila, hija wiegbet li x-xewqa taghha hi li tkompli tahdem sa tmiem il-kuntratt, il-kumpanija ddecidiet li twaqqfilha l-kuntratt.

Meta l-Appellanti nsistiet li tinghata raguni formali ghala kien qieghed jitwaqqaf il-kuntratt, hija giet infurmata li r-raguni kienet ‘*poor performance to date, notably the lack of sales since your engagement*’.

Glimmer Ltd., hallset il-kumpens dovut skond kif tistipula l-Ligi meta kuntratt ta’ xoghol definit jitwaqqaf qabel l-iskadenza tieghu.

- **Sintesi tas-sottomissjonijiet tal-kaz**

**Dr. Leonard Caruana** ghan-nom tal-Appellanti beda l-argumenti tieghu billi qal illi fil-kawza inkludew lil Tumas Gaming Ltd., ghaliex fit-twettiq tad-doveri taghha, l-Appellanti kienet tirrispodi lill-ufficcjali li huma mpjegati ta' Tumas Gaming Ltd. Dr. Caruana sahaq li minkejja li l-kuntratt tax-xoghol huwa ffirmat bejn l-Appellanti u Glimmer Ltd fil-fatt hija kienet tircievi struzzjonijiet u taghmel xoghol ghal Tumas Gaming Ltd.
Dwar it-temm tal-impieg propju, Dr. Caruana sostna illi l-Appellanti qieghda ssostni li t-tmiem tal-impjieg taghha sar b'mod ingust ghaliex dan sehh granet biss wara li l-*employer* gie mgharraf illi hija tqila.

**Dr. Karl Briffa** ghan-nom ta' Tumas Gaming Ltd., beda billi stqarr illi l-licenzja li ghandha Tumas Gaming Ltd., hija limitata biss sabiex topera bhala *land based casino* u b'dik it-tip ta' licenzja tkun inibit milli jkollok xoghol relatat ma' *online gaming,* li allura kien ix-xoghol propju li kienet taghmel l-Appellanti. Dr. Briffa sostna li l-fatt li mpjegati ta' Tumas Gaming Ltd., jista jkun li ghandhom '*working relationship*' ma' Glimmer Ltd., ma jfissirx li l-impjegati taghha huma mpjegati ta' Tumas Gaming Ltd.

**Dr. James D'Agostino** ghan-nom ta' Glimmer Ltd., ibbaza l-argumentazzjoni tieghu fuq il-fatt illi galadarba l-kaz jittratta sitwazzjoni fejn gie mitmum kuntratt definit ta' xoghol qabel l-iskadenza tieghu u l-*employer* ottempra ruhu ma' dak li tistipula l-ligi f'cirkostanza simili, allura ma tistax tigi invokata tkeccija ngusta.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

It-Tribunal Industrjali :

- Jinnota li fil-kuntratt tax-xoghol maghmul bejn l-Appellanti u Glimmer Ltd., m'hemm l-ebda konnessjoni ma' Tumas Gaming Ltd.

- Jinnota illi fl-*Employment History* kif ipprezentata mill-ETC tindika b'mod car illi l-Appellanti bejn Gunju 2012 u Frar 2013 kienet impjegata ma' Glimmer Ltd.
- Jinnota li filwaqt li n-natura tax-xoghol li kienet involuta fih l-Appellanti huwa dak tal-'*online gaming*' mill-banda l-ohra, Tumas Gaming Ltd., hija licenzjata sabiex topera biss fil-'*land based gaming*'.
- Jinnota illi bejn l-Appellanti u Glimmer Ltd. hemm argumenti konfliggenti dwar ir-ragunijiet li wasslu ghat-tmiem tal-impjieg.

- **Decizjoni**

Tenut kont tal-fatti kif gew sponuti u tas-sottomissjoniet kif maghmula mill-avukati li qed jirrapprezentaw lill-partijiet, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi li :

Dwar l-ewwel eccezzjoni, t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba ta' Tumas Gaming Ltd., li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, peress li hija qatt ma kienet timpjega lill-Appellanti.

Dwar it-tieni eccezzjoni, t-Tribunal wara li qies sew il-legislazzjoni li tirrelata mall-fatti kollha li jinkwadraw dan il-kaz jiddeciedi li ma jilqax t-talba ta' Glimmer Ltd., u allura jordna l-prosegwiment tal-kaz.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**